# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 21 ta’ Gunju, 2002**

**Appell Nru 57/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Olaf Cini**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Olaf Cini talli f’dawn il-Gzejjer, fix-xhur qabel l-20 ta’ Mejju, 1997, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’ rizoluzjoni wahda:

**(1)** iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehu kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern, u aktar talli xjentement ghamel uzu minn wahda mill-karti imsemmijin hawn fuq, u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 167 u 169 tal-Kodici Kriminali;

**(2)** ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe’ cekkijiet tal-Bank of Valletta, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi, jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawzoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll talli ghamel uzu minn dawn id-dokumenti falsifikati, u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 183 u 184 tal-Kodici Kriminali;

**(3)** b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’

krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm500 ghad-dannu ta' Martin Webster u persuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikoli 308 u 310 tal-Kodici Kriminali;

**(4)** l-imsemmi Olaf Cini kien akkuzat ukoll li ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza datata 17 ta' Novembru, 1994;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Marzu, 2002 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Olaf Cini hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u kkundannatu ghall-piena ta' **tlett snin u tmien xhur prigunerija**, mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-istess Cini ghamel mizmum taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Olaf Cini, minnu ppresentat fl-14 ta' Marzu, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu zewg aggravji, li ser jigu riprodotti *verbatim*. L-ewwel aggravju hu migjub hekk:

> "Illi fil-kaz tac-cekk tal-Lipstick Modelling School huwa instab hati ta' falsifikazzjoni, uzu u anke ta' truffa meta l-ligi trid illi biex wiehed ikun hati ta' truffa irid ikun sar xi gwadann ghalih innifsu.
>
> "Illi ma giex ippruvat illi x-xoghol li ordna l-appellant lil Lipstick Lipstick Modelling School ghal beneficcju tas-socjeta` Owners Direct ha xi gwadann personali l-appellant. Gie ppruvat biss li x-xoghol kien inkarigah hu."

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena, u gie migjub hekk:

> "Meta l-ewwel Onorabbli Qorti giet biex tikkomputa l-piena, tat piena komplessiva, pero` jidher illi ma applikatx korrettement l-artikolu 28E(2) fejn jirrigwarda l-attivazzjoni ta' sentenza sospiza.
>
> "Skond l-artikolu 17(b) l-Qorti ghandha taghti l-piena ghar-reati li dwarhom qieghed titratta mal-imputat u mbaghad izzid maghha terz jew nofs is-sentenza sospiza u mhux tinflita [***sec!***] is-sentenza sospiza fl-intier taghha."

Il-Qorti ser tibda bl-ewwel aggravju. Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-Lipstick Modelling School, l-ewwel qorti qalet hekk fis-sentenza taghha:

> **Rigward l-ewwel cekk ta' Lm 270 jirrisulta li l-imputat kien ghamel ordni sabiex isir xoghol minn naha ta' Lipstick**

**Modelling Agency u kkonsenja c-cekk <u>qabel</u> ma sar ix-xoghol. Sussegentement sar ix-xoghol, izda c-cekk gie dizonorat u l-kumpanija baqghet ma thallsitx tax-xoghol li kienet ghamlet. Ghaldaqstant f'dan il-kaz jikkonfiguraw, minbarra r-reati ta' *falsifikazzjoni* ta' dokument u *uzu* tal-istess, jikkonfigura wkoll ir-reat ta' *truffa* kontemplat fl-Artikolu 308, stante li l-imputat permezz ta' *messa in scena* (cekk falz) ghamel qligh konsegwenzjali (xoghol mill-kumpanija) fl-imsemmi ammont ghad-dannu tal-imsemmija socjeta`.**

Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, jidher, pero` mid-deposizzjoni ta' Moira Gauci Maistre (fol. 51 *et seq.*, u specjalment a fol. 54) li dana c-cekk ta' Lm 270 kien ikopri <u>zewg</u> *bookings*: wiehed ta' xoghol ta' l-"Energy" <u>li kien diga sar qabel ma nhareg ic-cekk</u> (fol. 52), u l-iehor in konnessjoni ma' *photographic session* ghas-socjeta` "Mother and Child", liema *photographic session*, pero`, <u>baqghet ma saritx</u> (u ghalhekk ma jidhrix li ghaliha kien dovut xi pagament lil Lipstick Modelling School (jew Lipstick Model Agency kif inhi xi mindaqqiet indikata fl-atti)) – ara d-deposizzjoni ta' l-imsemmija Gauci Maistre a fol. 53. Ghalhekk, apparti konsiderazzjonijiet ohra li din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tidhol fihom, ma jistax jinghad li bil-hrug tac-cekk falsifikat ta' Lm 270 lill-iskola jew agenzija msemmija l-appellant inkorra fir-reat ta' truffa jew ta' frodi innominata. Ghandu jinghad, pero` -- u dan qed jigi precisat in konnessjoni l-aktar mat-tieni aggravju -- li mis-sentenza appellata jirrisultaw kemm truffa fil-konfront tas-socjeta` Mincott Company Limited, kif ukoll frodi innominata fil-konfront tas-Selmun Palace Hotel.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jikkontendi li l-ewwel qorti ma applikatx sew l-Artikolu 28E(2) tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti tibda billi tosserva li dana l-artikolu jissemma specifikatament (flimkien ma' l-Artikolu 17 tal-istess Kodici) fil-parti dispozittiva tas-sentenza appellata, u ghalhekk ma hemmx dubbju li l-ewwel qorti haditu in konsiderazzjoni hi u tikkomputa l-piena. Is-subartikolu (2) tal-Artikolu 28E – subartikolu li gie abrogat permezz tal-Artikolu 13 tal-Att III ta' l-2002 – li kien applikabbli meta nghatat is-sentenza appellata, kien jipprovdi li l-qorti ghandha taghti zmien ta' prigunerija wiehed b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali meta tigi biex tattiva sentenza sospiza; jigifieri taghti zmien <u>wiehed</u> ta' prigunerija skond l-imsemmi Artikolu 17(b) "ghar-reat originali u ghar-reat l-iehor". Issa, il-paragrafu (b) tal-imsemmi Artikolu 17 jipprovdi li l-hati ghandu jigi kkundannat "ghall-piena tad-delitt l-aktar gravi biz-zieda minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehudin flimkien…". Bis-sentenza tas-17 ta' Novembru, 1994 l-appellant Cini kien instab hati ta' falsifikazzjoni, uzu ta' dokument falsifikat u truffa – proprju l-istess tip ta' reati li taghhom instab hati bis-sentenza appellata (cioe` dik tas-7 ta' Marzu, 2002). Ghalhekk f'dana l-kaz ma tqum ebda kwistjoni dwar liema huma r-reati l-aktar gravi; dawn huma dawk ta' falsifikazzjoni ta' dokument u uzu ta' dokument falsifikat (Art. 167(1), 169, 183 u 184, Kap. 9), liema reati igorru piena minn minimu ta' tlettax-il xahar prigunerija sa massimu ta' erba' snin (bir-rekluzjoni jew minghajrha). Tenut kont tal-element tal-kontinwat (Artikolu 18, Kap. 9), il-piena erogata mill-ewwel

qorti kienet entro l-parametri rikjest b'Artikolu 28E(2) tal-Kap. 9. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li f'dan il-kaz ghandha tiddisturba l-piena.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan li l-periodu mid-data li fiha nghatat is-sentenza ta' l-ewwel grad (7 ta' Marzu, 2002) sal-lum ghandu wkoll jigi kkunsidrat bhala periodu li l-appellant Cini ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz u ghalhekk ghandu jitnaqqas ukoll.

A. Testone
Deputat Registratur